MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2023

Rikors Kostituzzjonali Numru 336/2021 LM

**Antonio Zammit (K.I. nru. 424348M)**
**u Mary Josephine Zammit (K.I. nru. 97856M)**

***vs.***

**L-Avukat Ġenerali,**
**L-Awtorità tal-Ippjanar,**
**It-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti**,

1. Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta' Mejju, 2021, mir-rikorrenti **Antonio Zammit (K.I. nru. 424348M)** u **Mary Josephine Zammit (K.I. nru. 97856M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'], fejn issottomettew dan li ġej:

*"1. Illi r-rikorrenti joqogħdu Birkirkara, f'żona residenzjali mill-aktar kwieta u trankwilla;*

*2. Illi fis-sena 2016 ġiet ippreżentata applikazzjoni bin-numru PA 4/16 lill-Awtorità tal-Ippjanar minn Shaun Bartolo li d-dar tiegħu tmiss ma' dik tar-rikorrenti. Shaun Bartolo talab biex jinħariġlu permess li jaqa' taħt Kategorija*

*E Klassi 5A, biex fil-garaxx tiegħu jkun jista' jsewwi vetturi ta' kull għamla u tiswijiet li iddeskrivihom bħala* "diagnostic service and repair".

3. *Illi l-"*Case Officers" *tal-Awtorità tal-Ippjanar stess irrakkomandaw li din l-applikazzjoni kellha tiġi rifjutata għax tmur kontra l-policies tal-Pjan Lokali CG 07, u kontra l-Pjan Strateġiku tal-Iżvilupp (magħruf bħala SPED) u dana għax imorru kontra l-Oġġettivi 6.1, u Oġġettivi Urbani 3.5 u 4.2;*

4. *Illi bħala ġirien b'gallerija tħares fuq il-bieb ta' dan il-*garage *u b'żewġ* 'shafts' *komuni ma' dan il-'*garage'*, ir-rikorrenti wkoll oġġezzjonaw għall-ħruġ ta' dan il-permess. Ir-rikorrenti bbażaw l-oġġezzjonijiet tagħhom fuq il-fatti u kwistjonijiet ta' ppjanar u xehdu quddiem il-Kummissjoni 'B' tal-Awtorità tal-Ippjanar li kuljum u f'kull ħin tal-ġurnata (anki fil-11 ta' bil-lejl) kienu qed jiġu* 'towing trucks' *b'karozzi bil-ħsara u jitilquhom mal-bankina u l-'*ignition key' *jitfgħuha fil-'*letterbox' *tal-applikant Shaun Bartolo. Xehdu wkoll li semgħu deskrizzjonijiet tal-ħsarat mis-sidien ta' dawn il-vetturi – liema ħsarat riedu li jissewwew;*

5. *Minkejja l-oġġezzjonijiet tar-rikorrenti, il-Permess PA4/16 xorta waħda ġie approvat fit-13 ta' Mejju, 2016 bir-riżultat tal-iżvalutar tal-proprjetajiet kollha ta' dik iż-żona residenzjali, b'mod partikolari tad-dar tar-rikorrenti, minħabba din l-attività ta' tiswijiet mekkaniċi fuq vetturi li effettivament ġabet din l-area tixbaħ żona industrijali;*

6. *Wara l-ħruġ tal-Permess PA 4/16, il-*permit holder *ippreżenta appell bin-numru PAB 149/16 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u tal-Ippjanar sabiex jitħalla jinstalla l-'*hydraulic jack' *u apparat mekkaniku ieħor li diġà kellu installati meta l-Case Officers spezzjonawlu l-'*garage' *u rrikkmandaw rifjut;*

7. *Illi fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal għamel referenza totalment żbaljata u inkorretta għall-Pjan Lokali tan-Nofsinhar ta' Malta* (South Malta Local Plan) *waqt li l-permess in kwistjoni kien sar f'żona fejn tapplika l-Pjan Lokali taċ-Ċentru ta' Malta* (Central Malta Local Plan). *It-Tribunal għamel referenza (fn. 1 Illi dan it-Tribunal jinnota li waqt il-laqgħa tal-Kummissjoni tat-23 ta' Mejju, 2016 meta ġiet deċiża l-applikazzjoni, il-Kummissjoni ġġustifikat id-deċiżjoni favur il-ħruġ tal-permess kontra r-rakkomandazzjoni tad-Direttorat tal-Ippjanar, billi qieset illi "*other similar permits were issued in residential areas. The proposed class 5a is considered of a small scale use which does not involve the use of heavy duty or noisy electrical/equipment requiring a three phase. Furthermore, the noise emission report notes that with proper equipment selection should not be a source of a noise to neighbouring properties. The proposal is in line with SMH 02 South Local Plan and SPED Objective TO6.1 and UO 3.5 and 4.2." *F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stess osservat illi ġja*

*nħarġu permessi simili f'żoni residenzjali, meta fl-istess waqt naqset li tiġġustifika l-limitazzjoni tal-użu għal tliet snin, kondizzjoni li evidentement ma ġietx imposta f'tali permessi li ġew imsemmija fir-rikors tal-appell. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ġialadarba, il-Kummissjoni qieset illi l-iżvilupp huwa konformi mal-Policy SMH02 tal-Pjan Lokali, u ma esprimiet ebda raġuni ulterjuri dwar l-impożizzjoni ta' tali kundizzjoni, għaldaqstant hija restrittiva konsegwentement* ultra vires *dment illi l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi "*raġunijiet speċifiċi bażati fuq pjanijiet ta' żvilupp, policies ta' ppjanar u regolamenti jew kull konsiderazzjoni materjali eżistenti" *għal tali kondizzjoni partikolari skont id-dispost tal-Artikolu 69(3) tal-Kap. 504. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ, u l-ewwel kundizzjoni għandha tiġi mibdula b'kundizzjoni* standard *li normalment tiġi mposta kif indikat mill-appellant) għal-laqgħa tal-Kummissjoni tal-Ippjanar tat-23 ta' Mejju, 2016 meta l-minuti tal-Kummissjoni juru li ma kienx hemm laqgħa dakinhar. It-Tribunal kompla biex jikkonferma l-permess u saħansitra neħħa dawk ir-restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet li kienet imponiet il-Kummissjoni tal-Ippjanar. Dan minkejja li r-rikorrenti oġġezzjonaw u pparteċipaw ukoll fl-istess appell;*

8. *Illi r-rikorrenti ddeskrivew x'kien qed isir fil-*garage *biswit id-dar tagħhom u l-makkinarju li hemm ġo fih – fosthom kompressur,* 'milling machine' *(biex timtela l-blokka ta' magna) u* 'vulcanizing tools' (*biex jittranġaw '*punctures'*)* *u* "pressure pump" *(għal tiswijiet kbar) fost oħrajn. L-oġġezzjonijiet kollha kienu għalxejn u t-Tribunal awtorizza li jitħalla l-makkinarju fis-sit;*

9. *Illi sussegwentement saret applikazzjoni oħra bin-numru PA 649/17 minn applikant ieħor Michael Mallia fl-istess triq u għal stess tip ta' żvilupp u ċioe għal "*Change of use of part of domestic garage to a class 5a workshop to cater for computer diagnostic service and electronic repairs on cars";

10. *Illi għalkemm din kienet applkazzjoni għall-istess tipi ta' tiswijiet mekkaniċi bħal dik tal-applikazzjoni approvata bin-numru PA 4/16, u għalkemm kienet fl-istess triq fejn kellhom jiġu applikati l-istess policies, din l-applikazzjoni tal-aħħar ġiet miċħuda;*

11. *Meta f'dan il-każ l-applikant Michael Mallia ppreżenta appell bin-numru PAB 153/17 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u tal-Ippjanar, dan l-appell ġie miċħud mit-Tribunal b'sentenza kategorika li tgħid:*

    "... Huwa ċar għalhekk illi l-użu propost li huwa relatat mat-tiswija ta' karozzi, mhuwiex wieħed li jista' jiġi kunsidrat f'żona residenzjali, anke jekk dan huwa limitat għal tiswija elettronika. Dan minħabba li n-natura tal-użu huwa simili għal dak ta' mekkanik, ossia xogħol relatat ma' manutenzjoni ta' vetturi, u dan jista' jkollu impatt negattiv fuq iż-żona residenzjali minn storbju, vibrazzjoni,

ġenerazzjoni ta' traffiku u kif ukoll mill-ħinijiet tal-operat. L-użu propost għalhekk mhuwiex ikkunsidrat bħala wieħed idoneju jew kompatibbli f'żona residenzjali."

12. *Illi għandu jingħad illi t-Tribunal fiż-żewġ appelli PAB 149/16 u PAB 153/17 kien identikament kompost minn Martin Saliba, l-Avukat Dott. Simon Micallef Stafrace u l-Perit Robert Sarsero. Illi minkejja dan il-fatt l-istess Tribunal wasal għal konklużjonijiet dijametrikament opposti għall-istess tip ta' applikazzjoni fl-istess triq u li huma regolati bl-istess pjanijiet u policies;*

13. *Illi minħabba l-permess PA 4/16 ir-rikorrenti u r-residenza tagħhom jinsabu f'periklu kontinwu li jaqbad xi nar minn xi vettura li tkun qed tissewwa (*combustion engine in need of repairs) *f'dan il-'*garage'. *Nar minn sempliċi '*faulty ignition switch' *jew '*battery terminal' *malajr jinfirex u għalhekk dan il-Permess PA 4/16 ipoġġi f'periklu s-sigurtà pubblika;*

14. *Inoltre l-ħsejjes, vibrar u dħaħen (*exhaust fumes from revved-up engines) *li jitilgħu mix-*shafts *ta' dan il-'*garage' *huma konsiderevoli u għalhekk ta' detriment għas-saħħa tal-familja tar-rikorrenti;*

15. *Illi l-klijentela ta' dan il-'*mechanic' *tlaħħaq mas-sitt vetturi kuljum u dawn jokkupaw il-'*parking bays' *tar-resdienti ta' din iż-Żona Residenzjali fejn joqogħdu r-rikorrenti meta jiġu lura mix-xogħol u jnaqqsu l-amenita taż-żona;*

16. *Illi l-attività mekkanika u ta' tip industrijali fis-sit biswit id-dar tar-rikorrenti qed tnaqqas konsiderevolment il-valur tar-residenza tagħhom u tal-bini fil-qrib ta' din iż-żona residenzjali. Ir-rikorrenti għandhom id-dritt u l-aspettattiva leġittima li jassikuraw li dak li akkwistaw b'mod leġittimu, ir-residenza u l-proprjetà tagħhom jistgħu jkomplu jgawduha b'mod paċifiku u mingħajr tfixkil. Illi ma kellhomx jiġu sottoposti għal kwalunkwe tfixkil u/jew diminuzzjoni tat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom minħabba l-inkonvenjent, l-istorbju, l-iżvalutar tal-proprjetà u l-periklu għas-saħħa;*

17. *Illi meta r-rikorrenti xtraw id-dar tagħhom f'żona residenzjali b'mod leġittimu, ippretendew li ma jinħarġux permessi għal* workshops *għal użu u attività industrijali mill-Awtorità tal-Ippjanar għax dawn – min-natura tagħhom – għandhom ikunu f'żona industrijali. Illi l-Awtorità tal-Ippjanar kellha l-obbligu tiegħu in konsiderazzjoni fatturi bħal konfużjoni fit-traffiku u l-ħsejjes li jinqalgħu kull meta jaslu t-'*towing trucks' *bil-karozzi għat-tiswija – liema inkonvenjent ġie awtorizzat mid-deċiżjoni tal-istess Awtorità. L-estent tal-inkonvenjent, il-periklu kkawżat u l-iżvalutar tal-proprjetà tar-rikorrenti ser tiġi ppruvata waqt is-smigħ ta' din il-kawża kif ukoll mill-affidavit tar-rikorrenti u l-istima peritali;*

18. *Illi r-rikorrenti kellhom aspettattiva leġittima illi l-awtoritajiet bħall-Awtorità tal-Ippjanar u t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u tal-Ippjanar isegwu l-Pjan Lokali u l-Policies tal-Ippjanar f'mod konsistenti u mhux taw permess bl-iktar mod arbitrarju u irraġjonevoli li effettivament bidel in-natura taż-żona minn waħda residenzjali għal waħda industrijali kontra l-pjanijiet u l-policies viġenti;*

19. *Illi fit-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) – u ċioe ferm wara li kienu ġew deċiżi l-appelli surreferiti mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar – ġie rrapurtat fil-gazzetta* "The Times of Malta" *li ċ-Chairman tat-Tribunal Martin Saliba kien impjegat mal-Awtorità tal-Ippjanar fiż-żmien meta kien Chairman tat-Tribunal. (fn. 2 https://timesofmalta.com/articles/view/pa-employee-chaired-independent-planning-appeal-board. 815016)*

20. *Illi dan fisser li l-istess Martin Saliba kien u baqa' jisma' u jiddeċiedi appelli – inkluż dak fejn ir-rikorrenti kienu terzi persuni interessati – minn deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar. Dik hi l-istess Awtorità li Martin Saliba kien impjegat tagħha u ma' liema reġa' kompla jaħdem wara li ntemm it-terminu tiegħu bħala Chairman tat-Tribunal. (fn. 3 https://timesofmalta.com/articles/view/new-chairman-of-the-planning-authority-announced.753670).*

21. *Illi l-introjtu u l-impjieg ta' Martin Saliba mill-Awtorità tal-Ippjanar kien assikurat hekk kif kien hemm dejjem in-ness kontrattwali tal-impjieg anke meta kien qed jaħdem bħala Chairman tat-Tribunal li qed jisma', jaġġudika u jiddeċiedi appelli fejn l-istess Awtorità tal-Ippjanar kienet parti. Kienu wkoll assikurati l-opportunitajiet ta' avvanz fil-karriera ta' Martin Saliba mal-istess Awtorità. Martin Saliba kien qed jiddeċiedi fuq kawżi fejn l-entità li kienet (u għadha) timpjegah kienet parti u kien qed jilbes żewġ kpiepel fl-istess ħin – dak ta' Chairman li suppost ikun totalment indipendenti u distakkat mill-partijiet, u dak ta' impjegat ta' wieħed mill-istess partijiet li jiddependi fuqha għas-sigurtà finanzjarja, introjtu futur u sigurtà fil-karriera tiegħu;*

22. *Illi jirriżulta wkoll li Martin Saliba talab il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġi awtorizzat joħroġ fuq* "unpaid leave" *waqt li jkun qed iservi bħala Chairman tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, liema permess kien jiddependi u li ġie mogħti mill-istess Awtorità;*

23. *Illi jirriżulta li Martin Saliba kien appuntat Chairman tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar b'effett mis-sitta (6) ta' Ġunju, 2013. Illi Martin Saliba qatt ma nforma lir-rikorrenti li huwa kien **għadu** impjegat mal-Awtorità tal-Ippjanar tul l-andament kollu tal-appelli fejn huma kienu terzi persuni rreġistrati u fejn ipparteċipaw u liema appelli ġew mismugħin u deċiżi minnu bħala Chairman tat-Tribunal. Illi kieku kien żvela tali informazzjoni, ir-*

*rikorrenti kienu jitolbu r-rikuża tiegħu u dana għax huwa inkonċepibbli li ġudikant f'kawża jkun impjegat ta' parti li qed tidher quddiemu għax dan jinċidi fuq l-imparzjalità oġġettiva ta' Martin Saliba u huwa leżiv tad-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti;*

24. *Illi tali deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar u tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u tal-Ippjanar tagħmilha impossibbli li r-rikorrenti jkomplu jużaw u jgawdu d-dar tagħhom "Encanto" 44, Triq Ċikku Bonaci, Birkirkara f'mod paċifiku u trankwill għar-raġunijiet premessi;*

25. *Illi s-suespost jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif dispost fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali kif provdut mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rikorrenti umilment qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq esposti, l-intimati kisru/illedew id-drittijiet u libertajiet Fondamentali tal-Bniedem tar-rikorrenti dwar id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti; kif provdut fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif dispost fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali kif provdut mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq esposti, ir-rikorrenti sofrew diversi vjolazzjonijiet fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) li jiggarantixxi d-dritt ta' smigħ xieraq minn tribunal indipendenti, liema dritt huwa wkoll garantit taħt it-Titolu 6 (Artikolu 47) il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*3. Tagħti kull rimedju inkluż ir-revoka tal-permess surreferit, direttivi u kumpens xieraq biex jagħmel tajjeb għall-ksur imġarrab mir-rikorrenti li jidhrilha xieraq;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata mir-rikorrenti kontra l-konvenuti inġunti minn issa għas-subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta tal-intimat **Avukat Ġenerali** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat Ġenerali'] ippreżentata fil-11 ta' Ġunju, 2021, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*"Jesponi bir-rispett:*

***Eċċezzjonijiet Preliminari***

1. *Illi, preliminarjament, l-esponenti ma hux il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti, stante li l-Avukat Ġenerali m'għandux is-setgħa li jirrappreżenta l-Gvern, jew entitajiet governattivi skont il-liġi – semmai dik is-setgħa hija vestita f'istituzzjoni kostituzzjonali oħra, u ċioe l-Avukat tal-Istat kif jirriżulta mill-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti ma hux il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti, ukoll minħabba l-fatt illi r-rikorrenti jafu ben tajjeb kontra min għandhom jindirizzaw l-ilment kostituzzjonali tagħhom, u li l-esponenti ma kellu ebda involviment, u għaldaqstant lanqas hemm bżonn li jiddaħlu fil-kawża istituzzjonijiet kostituzzjonali bħal ma hu l-Avukat Ġenerali;*

3. *Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tisma' din il-kawża, u dan stante li mill-premessi ma jirriżultax illi r-rikorrenti eżawrew ir-rimedji ordinjarji kollha tagħhom qabel ma pproponew din il-kawża kostituzzjonali. Dan jingħad stante li sa llum, mill-att promutur ma jirriżultax illi r-rikorrenti appellaw id-deċiżjoni tat-Tribunal intimat quddiem il-Qorti tal-Appell, kif kellhom id-dritt jagħmlu a tenur tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta, jew istitwew xi kawża għal reviżjoni ta' għemil amministrattiv, jew talbu r-rikuża ta' Martin Saliba fil-proċeduri quddiem it-Tribunal intimat, per eżempju;*

***Eċċezzjonijiet Ġeneriċi***

4. *Illi r-rikorrenti għandhom iġibu prova sodisfaċenti li huma s-sidien tal-fond 'Encanto', 44, Triq Ċikku Bonaci, Birkirkara, u dan sabiex jiġi stabbilit l-interess ġuridiku tagħhom f'dawn il-proċeduri;*

5. *Illi peress illi t-tielet talba tipprovdi għar-revoka tal-permess de quo, ikun għaqli u opportun li r-rikorrenti jikkjamaw fil-kawża lill-applikant Shaun Bartolo, li jissemma jew issir referenza għalih jew l-attività tiegħu ripetutament fil-premessi, u li naturalment għandu interess fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali, u kien parteċipi tal-proċedura quddiem it-Tribunal intimat;*

6. *Illi r-rikorrenti jridu jġibu prova li huma tassew kienu reġistrati bħala 'objectors' u ġew ammessi fil-proċeduri impunjati minnhom, u dan sabiex l-interess ġuridiku tagħhom f'din il-kawża jiġi stabbilit;*

7. *Illi r-rikorrenti ma jistgħux jinqdew bi proċeduri ta' natura kostituzzjonali biex jilmentaw dwar nuqqas ta' parking, il-ġirien, ħsejjes u l-attivitajiet tal-istess ġirien jew għaliex ma humiex kuntenti b'deċiżjoni tat-Tribunal intimat – l-*

*esponenti jissottometti bir-rispett illi għandu jirriżulta abbuż proċedurali da parti tar-rikorrneti li m'għandux jiġi ttollerat minn din l-Onorabbli Qorti;*

8. *Illi, fil-mertu, l-esponenti żgur ma lleda jew kiser ebda drittijiet fundamentali tal-esponenti u dan kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u għahekk tħarrek inutilment f'din il-kawża;*

9. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent, u dan għar-raġunijiet li jsegwu:*

***Eċċezzjonijiet dwar it-Talbiet***

***L-Ewwel Talba***

10. *Illi **l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** huwa improponibbli, u dan stante li dan l-Artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjetà mingħajr ħlas ta' kumpens. Sabiex wieħed jista' jitkellem dwar teħid forzuż jew obbligatorju persuna trid tkun żvestita jew spussessata minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà;*

11. *Illi sa fejn l-ilmenti tar-rikorrenti jolqot **l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll,** ir-rikorrenti ma ġewx privati mill-proprjetà tagħhom u ma jistax jingħad illi l-Istat interferixxa fit-tgawdija tal-proprjetà tar-rikorrenti sal-punt li jiġu jitqiesu deprivati mill-użu u tgawdija tal-proprjetà tagħhom. Lanqas ma jirriżulta li r-rikorrenti tilfu l-paċifiku pussess tal-proprjetà tagħhom, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti;*

12. *Illi għalhekk, il-lanjanzi tar-rikorrneti fl-ewwel talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

***It-Tieni Talba***

13. *Illi dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompetenza biex tisma' u tiddeċiedi lanjanzi dwar allegat ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iżda biss biex tisma lanzjanzi ta' ksurijiet tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni], jew tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [Artikolu 4, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta] – għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistgħux jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti teżamina l-lanjanza ta' allegat ksur tal-**Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**;*

14. *Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, **l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** huwa inapplikabbli stante li dan l-Artikolu jipprovdi għall-ksurijiet ta' drittijiet garantiti mil-Liġi tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser, neċessarjament, illi dan l-Artikolu irid jiġi abbinat ma' ksur tal-Artikolu ieħor fil-kumpless tal-Liġijiet tal-Unjoni Ewropea, ħaġa li r-rikorrenti ma jagħmlux;*

15. *Illi lanqas m'għandu jirriżulta xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;*

***It-Tielet Talba***

16. *Illi t-tielet talba hija konsegwenzjali għat-talbiet l-oħra, u għaldaqstant m'għandhiex tintlaqa' jekk l-ewwel u t-tieni talba jiġu miċħuda;*

17. *Illi anke in pessima ipotesi għall-esponenti, id-dikjarazzjoni tal-ksur effettiv tad-drittijiet u l-għoti ta' rimedji, inkluż ir-revoka tal-permess, għandhom jirriżultaw biżżejjed sabiex ir-rikorrenti jingħataw* 'just satisfaction', *f'każ li dina l-Onorabbli Qorti kellha tiddeċiedi li tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti;*

18. *Illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa limitat biss f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' drittijiet protetti mill-Konvenzjoni Ewropea, u mhux għall-ksur, jekk dina l-Qorti hekk ikun jidhrilha, tal-Kostituzzjoni Maltija fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, iżda in ogni caso lanqas ma hija applikabbli hawn Malta stante li ma ġietx trasposta fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

19. *Illi l-Kostituzzjoni ta' Malta ma tipprovdix għall-għoti ta' danni jew kumpens f'każ ta' ksur ta' xi dritt fundamentali tal-bniedem skont l-Artikoli 33-45 tal-istess Kostituzzjoni;*

20. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, sa fejn ir-rikorrenti qegħdin jippretendu l-għoti ta' danni, li l-esponenti jifhem li jkunu ta' natura pekunjarja, l-oneru jinkombi fuq ir-rikorrenti sabiex iġibu prova sodisfaċenti skont il-Liġi tad-danni li allegatament sofrew;*

21. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu r-rikorrenti jippretendu l-għoti ta' kumpens, li l-esponenti jifhem li huma danni non-pekunjarji, din it-talba qed tiġi opposta;*

22. *Illi r-rikorrenti jridu jġibu prova tal-ittra uffiċjali li qed jitolbu l-ispejjeż tagħha;*

23. *Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

3. Rat ir-Risposta tal-intimat **Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar** [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal intimat'], li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Ġunju, 2021, fejn ingħad kif ġej:

*"Jeċċepixxi bir-rispett Rosier Camenzuli (Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 480684M) li qed jidher bħala Segretarju tat-Tribujnal eċċipjenti, jiddikjara illi jaf is-segwenti fatt personalment u għaldaqstant jesponi bir-rispett:*

1. *Illi,* ***in linea preliminari****, it-Tribunal eċċipjenti jsostni li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda* ***intempestiva*** *u dana* ***minħabba l-fatt li l-istess rikorrenti naqsu milli l-ewwel nett jeżawrixxu r-rimedji ordinarji*** *kollha disponibbli għalihom skont il-liġi. Huwa inkonċepibbli kif ir-rikorrenti jaslu sabiex jilmentaw minn vjolazzjoni tad-dritt tagħhom ta' smigħ xieraq, hekk kif sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meta kienu huma stess illi naqsu, fi stadju opportun, li jinqdew bir-rimedji disponibbli għalihom mogħtija permezz tal-Liġi nostrana;*

   *Illi, dan qiegħed jingħad stante li sal-lum, ma jirriżultax illi r-rikorrenti appellaw mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal eċċipjenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), hekk kif ittihom il-fakultà li jagħmlu l-Liġi nostrana. Jiġi mfakkar li kwalsiasi ilment marbut ma' ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, fosthom dak ta'* nemo iudex in causa propria *li huwa mwaħħad mal-jedd fondamentali għal smigħ xieraq, huwa kkunsidrat bħala punt ta' dritt u għalhekk proprju sindikabbli mill-Qorti tal-Appell;*

   *Illi, dan kollu jwassal għall-konklużjoni li dawn il-proċeduri straordinarji saru qabel waqthom. L-esponent huwa għalhekk tal-umli fehma li f'dawn iċ-ċirkostanzi, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-****proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana peress li r-rikorrenti ma eżawrixxewx ir-rimedji ordinarji kollha a dispożizzjoni tagħhom skont il-Liġi nostrana;***

2. *Illi, inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost,* ***ir-rikorrenti għandhom iġibu prova sodisfaċenti li huma s-sidien tal-fond*** *bl-isem 'Encanto', bin-numru 44 u li jinsab fi Triq Ċikku Bonaci, Birkirkara, u dana sabiex jiġi stabbilit l-interess ġuridiku tagħhom f'dawn il-proċeduri;*

3. *Illi, in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, peress illi t-tielet talba tipprovdi għar-revoka tal-permess de quo,* ***ikun għaqli u opportun li r-rikorrenti jikkjamaw fil-kawża lis-Sur Shaun Bartolo,*** *li qed issir referenza għalih fir-rikors promutur, u li naturalment għandu, jew jista' jkollu, interess fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali;*

4. *Illi, in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jridu jġibu wkoll il-****prova li huma tassew reġistrati bħala*** **'objectors'** *u li ġew ammessi fil-proċeduri impunjati minnhom, u dana sabiex l-interess ġuridiku tagħhom f'din il-kawża jiġi stabbilit;*

5. *Illi, in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-Tribunal eċċipjenti ma jistax ma jirrimarkax li r-rikorrenti ma jistgħux jinqdew bi proċeduri serji bħalma huma dawk kostituzzjonali sabiex jilmentaw dwar tnaqqis ta' postijiet ta' parkeġġ, ġirien u terzi persuni, ħsejjes u attivitajiet ta' ħaddieħor u dana sempliċiment minħabba l-fatt li ma kinux sodisfatti bid-deċiżjoni li ngħatat fil-konfront tagħhom. Għal dawn l-ilmenti kollha hemm forum adattat li mhuwiex dak kostituzzjonali u għaldaqstant, umilment, it-Tribunal eċċipjenti jirrileva illi* ***għandu jirriżulta abbuż proċedurali da parti tar-rikorrenti****, liema abbuż m'għandux ikun ittollerat minn din l-Onorabbli Qorti;*

6. *Illi, dwar* ***l-ewwel talba tar-rikorrenti,*** *it-Tribunal eċċipjenti jirrileva illi l-lanjanzi tar-rikorrenti a rigward huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

7. *Illi, f'dan ir-rigward,* ***l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa improponibbli,*** *u dan stante li dan l-Artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjetà mingħajr ħlas ta' kumpens. Sabiex wieħed jista' jitkellem dwar teħid forzuż jew obbligatorju persuna trid tkun żvestita jew spussessata minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà;*

8. *Illi, sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jolqot* ***l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll****, ir-rikorrenti ma ġewx privati mill-proprjetà tagħhom u ma jistax jingħad illi l-Istat jew it-Tribunal eċċipjenti interferixxa fit-tgawdija tal-proprjetà tar-rikorrenti sal-punt li jiġu jitqiesu deprivati mill-użu u tgawdija tal-proprjetà tagħhom. Lanqas ma jirriżulta li r-rikorrenti tilfu l-paċifiku pussess tal-proprjetà tagħhom, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti;*

9. *Illi, dwar* ***it-tieni talba tar-rikorrenti****,* ***it-Tribunal eċċipjenti jirrileva illi dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompetenza biex tisma' u tiddeċiedi lanjanzi dwar allegat ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,*** *iżda biss sabiex tisma' lanjanzi ta' ksur tal-Artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni], jew tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [Artikolu 4, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta]. Għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistgħux jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti teżamina lanjanza ta' allegat ksur tal-* ***Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;***

10. *Illi, in oltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess,* ***l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*** *huwa inapplikabbli stante li dan l-Artikolu jipprovdi għall-ksur ta' drittijiet garantiti mil-Liġi tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser, neċessarjament, illi dan l-Artikolu jrid jiġi abbinat ma' ksur ta' Artikolu ieħor fil-kumpless tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, ħaġa li ma saritx da parti tar-rikorrenti;*

11. *Illi,* ***lanqas għandu jirriżulta xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*** *Senjatament dwar l-allegazzjoni ta' ksur tal-jedd għal*

*smigħ xieraq kif sanċit kemm taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, it-Tribunal eċċipjenti jeċċepixxi l-inapplikabilità ta' dawn l-artikoli għall-każ de quo. Dan qiegħed jintqal fid-dawl tal-fatt li l-kwistjoni pendenti quddiem it-Tribunal eċċipjenti mhux ser tiddetermina xi* "jedd u obbligu ċivili" *partikolari li jappartjeni lil xi wieħed mir-rikorrenti, hekk kif tirrikjedi l-Liġi. Ġialdarba r-rikorrenti ma għandhom l-ebda jedd jew obbligu ċivili li qiegħed jiġi determinat mit-Tribunal eċċipjenti, allura jsegwi li l-istess rikorrenti ma jistgħux jinvokaw ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

12. *Illi, subordinatament u bla ħsara għall-premess, fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddeċiedi illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huma applikabbli għall-fatti speċi tal-każ odjern, it-Tribunal eċċipjenti xorta waħda jsostni illi* ***<u>ċ-ċirkostanzi lamentati mir-rikorrenti ma jwasslux għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq</u>*** *u dana għas-segwenti raġunijiet:*

    *Illi, anke jekk għall-grazzja tal-argument, jiġi ppruvat li ċ-*Chairperson *tat-Tribunal eċċipjenti huwa impjegat tal-Awtorità tal-Ippjanar, dan il-fatt innifsu ċertament li ma jwassalx awtomatikament għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;*

    *Illi, l-ewwelnett, irid jiġi puntwalizzat illi* ai termini *tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal għandu jkun kompost minn "*tliet membri, b'żewġ membri minnhom għandu jkollhom għarfien sew fi ħwejjeġ dwar l-ippjanar tal-iżvilupp u f'materji dwar l-ambjent u l-membru l-ieħor għandu jkun avukat li jkun ipprattika l-professjoni ta' avukat għal mill-anqas erba' snin". *Għaldaqstant, l-unika rekwiżit rikjest mil-Liġi li jrendi persuna applikabbli sabiex ikun jista' jservi bħala tat-Tribunal eċċipjenti huwa li jew ikollu għarfien sew fi ħwejjeġ tal-ippjanar u l-iżvilupp u f'materji dwar l-ambjent jew li jkun ilu avukat prattikanti għal min tal-inqas erba' snin. Ma hemm l-ebda restrizzjoni jew projbizzjoni espliċita fil-Liġi nostrana li tirregola jekk membru tat-Tribunal intimat ikollux xi forma ta' impjieg band'oħra waqt li jkun qed iservi fuq l-istess Tribunal;*

    *Illi, ukoll wieħed irid japprezza l-ispirtu tal-leġislatur meta stipola li tali Tribunal eċċipjenti għandu jkun kompost minn* ***tliet*** *membri. In-numru tlieta huwa numru fard u l-leġislatur ma tefax numru* tanto per, *iżda indika n-numru tlieta b'intenzjoni speċifika. Il-leġislatur, meta kiteb il-liġi sabiex dan it-Tribunal ikun kompost minn tlieta min-nies, daħħal sistema ta'* checks and balances *bl-istess. Dan isegwi li ċ-*Chairperson *tat-Tribunal eċċipjenti ma jismax u ma jiddeċidix każ waħdu iżda f'kull stadju tal-proċeduri jkun akkumpanjat minn żewġ membri oħra li finalment,* ***b'mod solidali*** *bħala* panel *jaslu għad-deċiżjoni aħħarija tagħhom. Għaldaqstant, f'kull proċedura hekk kif ravvistata taħt il-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjonijiet kollha jittieħdu minn tlieta min-nies solidament u mhux*

*mic*-Chairperson *waħdu. Huwa proprju dan il-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jieħdu in konsiderazzjoni – fetħu attakk sfrenat fuq iċ-Chairperson Martin Sammut* [sic!] *mingħajr ma rrealizzaw li kwalunkwe deċiżjoni li jieħu t-Tribunal eċċipjenti ma jeħodhiex Martin Sammut* [sic!] *waħdu iżda jeħduha tlieta min-nies esperjenzati fil-qasam, b'mod solidali, hekk kif wara kollox tirrikjedi l-liġi. Kien propju għalhekk li l-Leġislatur irrikjeda tlieta min-nies fuq dan it-Tribunal, sabiex ikun hemm sistema ta'* checks and balances *u b'hekk jiġu evitati l-abbużi;*

*Illi, in oltre dan kollu, u hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 5 tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta, il-membri tat-Tribunal eċċipjenti, inkluż iċ-Chairperson, għall-qadi ta' dmirijiethom, jitħallsu mill-Fond Konsolidat;*

13. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jiġi ritenut ukoll li f'kull każ u dejjem skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,* ***ma tistax tinstab vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kemm -il darba dik id-deċiżjoni tat-Tribunal tkun soġġetta għall-kontroll ta' organu ġudizzjarju ieħor*** *li jkun jista' jindirizza l-lanjanza tar-rikorrenti. Kif intqal aktar 'il fuq, deċiżjonijiet tat-Tribunal eċċipjenti huma soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn hemmhekk jista' jiġi ssindakat,* inter alia, *kwalunkwe ilment dwar nuqqas ta' ħarsien ta' prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba, fosthom il-prinċipju ta'* nemo judex in causa sua. *Għalhekk għal din ir-raġuni biss ma jistax jinstab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq hekk kif allegat mir-rikorrenti;*

14. *Illi, a rigward* ***<u>it-tielet talba tar-rikorrenti</u>****, it-Tribunal eċċipjenti umilment jeċċepixxi illi din hija konsegwenzjali għat-talbiet l-oħra, u għaldaqstant m'għandhiex tintlaqa' jekk l-ewwel u t-tieni talbiet jiġu miċħuda;*

15. *Illi, l-applikazzjoni tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa limitat biss f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' drittijiet protetti mill-Konvenzjoni Ewropea u mhux għall-ksur, jekk dina l-Qorti jkun hekk jidhrilha, tal-Kostituzzjoni Maltija fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, iżda in ogni caso lanqas ma hija applikabbli hawn Malta stante li ma ġietx trasposta fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

16. *Illi, l-Kostituzzjoni ta' Malta ma tipprovdix għall-għoti ta' danni jew kumpens f'każ ta' ksur ta' xi dritt fundamentali tal-bniedem skont l-Artikoli 33-45 tal-istess Kostituzzjoni;*

17. *Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, sa fejn ir-rikorrenti qegħdin jippretendu l-għoti ta' danni, li l-esponenti jifhem ikunu ta' natura pekunjarja, l-oneru jinkombi fuq ir-rikorrenti sabiex iġibu prova sodisfaċenti skont il-Liġi tad-danni li allegatament sofrew;*

18. *Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu r-rikorrenti jippretendu l-għoti ta' kumpens, li l-esponenti jifhem li huma danni non-pekunjarji, din it-talba qed tiġi opposta;*

19. *Illi r-rikorrenti jridu jġibu prova tal-ittra uffiċjali li qed jitolbu l-ispejjeż tagħha;*

20. *Illi, finalment, ġialdarba t-Tribunal eċċipjenti umilment jissottometti li ma hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali hekk kif allegat mir-rikorrenti, it-talba tagħhom dwar ir-rimedji mfittxija minnhom għandha taqa' ukoll.*

*Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, it-Tribunal eċċipjenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fl-intier tagħhom, u dana bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

4. Rat ir-Risposta tal-**Awtorità tal-Ippjanar** [minn issa 'l quddiem "l-Awtorità intimata"], li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ġunju, 2021, fejn ġie eċċepit hekk:

*"Tesponi bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament, l-Awtorità esponenti ma hijiex il-leġittimu kontradittur;*

2. *Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità tissottometti bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, stante n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji disponibbli għar-rikorrenti skont il-liġi;*

3. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti, bin-nuqqas tagħhom li jappellaw fl-istadji opportuni, issokkombew, akkwejixxew u rrikonoxxew id-deċiżjonijiet tal-Awtorità esponenti u tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Il-lanjanza li llum qegħdin jissollevaw f'din il-kawża hija inkompatibbli ma' din l-akkwijexxenza, u r-r-rikorrenti ma għandhomx interess ġuridiku meħtieġ li jkomplu b'din il-kawża;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova sodisfaċenti tat-titolu tagħhom;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ma għandhomx jinqdew bi proċeduri kostituzzjonali sabiex jiftħu mill-ġdid il-mertu rigward il-lanjanza tagħhom;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità tissottometti li wieħed ma jistax iqis bl-istess mod il-proċeduri, inkluż dawk tal-appell, tal-applikazzjonijiet PA 4/16 u PA 649/19;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità esponenti ma kisret l-ebda drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa improponibbli u dan stante li dan l-artikolu japplika f'każ ta' teħid forzuż ta' proprjetà;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll huwa wkoll improponibbli u dana stante li r-rikorrenti ma ġewx deprivati mill-użu u t-tgawdija tal-proprjetà tagħhom;*

10. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huwa inapplikabbli;*

11. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma huwiex minnu li hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

12. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma huwiex minnu li r-rikorrenti ma kellhomx l-opportunità li jressqu l-każ tagħhom quddiem qorti imparzjali u indipendenti;*

13. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tiddetermina kumpens;*

14. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova tal-ittra uffiċjali li qed jitolbu l-ħlas tagħha;*

15. *Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

16. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

17. *Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tat-2 ta' Novembru, 2022, fejn il-Qorti akkordat terminu lill-partijiet sabiex jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, filwaqt li ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mir-rikorrenti, mill-intimat Avukat Ġenerali u mill-Awtorità tal-Ippjanar rispettivament.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

5. Ir-rikorrenti fetħu dawn il-proċeduri bħala sidien tal-fond bl-isem 'Encanto', Triq Ċikku Bonaci, Birkirkara [minn issa 'il-fond'], li huma jispjegaw li huwa fond li jinsab fi triq residenzjali u trankwilla. Ir-rikorrenti qalu li fl-2016, ġar tagħhom identifikat bħala Shawn Bartolo, applika għal permess mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA 4/16) sabiex il-garaxx tiegħu jkun kopert minn permess taħt il-Kategorija E, Klassi 5A, sabiex ikun jista' jagħmel xogħol ta' tiswija ta' vetturi fil-garaxx tiegħu. Ir-rikorrenti qalu li l-*case officer* tal-Awtorità tal-Ippjanar irrakkomanda li dan il-permess jiġi rifjutat, u dan għaliex it-talba ta' Bartolo tmur kontra l-*policies* u l-Pjan Lokali u l-Pjan Strateġiku għall-iżvilupp fl-inħawi. Qalu wkoll li huma għandhom gallerija tħares fuq il-bejt ta' dan il-garaxx u żewġ xaftijiet komuni ma' dan il-garaxx, u għalhekk il-kisba ta' dan il-permess mill-ġar tagħhom ser jippreġudikahom għaliex sejrin jaraw żvalutar fil-proprjetà tagħhom. Ir-rikorrenti qalu li wara li l-Awtorità tal-Ippjanar fit-13 ta' Mejju, 2016 ħarġet il-permess mitlub minn Bartolo, dan appella mill-kundizzjonijiet marbuta mal-permess quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, għaliex ried li jkun jista' jinstalla *hydraulic jack* u apparat mekkaniku ieħor fl-istess garaxx. Qalu li minkejja l-oġġezzjonijiet tagħhom, it-Tribunal laqa' t-talbiet tal-applikant Shawn Bartolo u ġew varjati l-kundizzjonijiet maħruġa fil-permess oriġinali, fosthom il-kundizzjoni tal-limitazzjoni tal-użu għal tliet snin.

Ir-rikorrenti qalu li fl-istess żmien li kien qiegħed iseħħ dan kollu, ġar ieħor fl-istess triq, applika sabiex ikun jista’ jagħmel *electronic repairs on cars* fil-garaxx tiegħu, iżda l-applikazzjoni ta’ dan it-terz, identifikat bħala Michael Mallia, ġiet rifjutata, u minkejja li fiż-żewġ istanzi t-Tribunal kien identikament kompost, dan wasal għal konklużjonijiet differenti għal kollox minn xulxin. Ir-rikorrenti qalu li bl-għoti ta’ dan il-permess, ir-residenza tagħhom qiegħda f’periklu kontinwu minħabba nirien li jistgħu jiġu ġġenerati bl-attività li qiegħda ssir mill-garaxx maġenb id-dar tagħhom, u ta’ kuljum il-ġar tagħhom ikollu klijentela li tagħmel użu mill-ispazji ta’ parkeġġ disponibbli fit-triq. Ir-rikorrenti qalu li minkejja li huma kellhom l-aspettattiva leġittima li ser ikunu jistgħu jgawdu dak li akkwistaw leġittimament, l-intimati, jew min minnhom, ħarġu permess li qiegħed ifixkilhom fit-tgawdija ta’ ħwejjiġhom minħabba li qegħda ssir attività industrijali fi proprjetà f’żona li hija predominentement residenzjali, għaliex l-Awtorità tal-Ippjanar u t-Tribunal naqsu milli jsegwu l-liġijiet u l-*policies* li jirregolaw din il-materja.

6. Ir-rikorrenti qalu li huma ħassewhom aggravati bil-fatt li ċ-*Chairperson* tat-Tribunal, Martin Saliba, naqas milli jiżvela li huwa kien qiegħed fuq *unpaid leave* mill-impjieg tiegħu mal-Awtorità tal-Ippjanar, u li fil-fatt meta ntemm l-inkarigu ta’ Saliba bħala Chairman tat-Tribunal, dan irritorna lura fl-impjieg li kellu mal-Awtorità intimata, u dan għaliex l-impjieg u l-introjtu li dan kellu mal-istess awtorità kienu protetti. Qalu wkoll li Saliba qatt ma żvela li huwa kien għadu impjegat tal-Awtorità tal-Ippjanar waqt li kien qiegħed jipparteċipa fit-teħid ta’ deċiżjoni dwar l-appell ta’ Bartolo. Ir-rikorrenti qalu li dan lilhom illedielhom il-jedd għal smigħ xieraq għaliex il-kompożizzjoni tat-Tribunal ma kinitx waħda indipendenti u imparzjali.

7. Permezz tat-talbiet tagħhom lil din il-Qorti, ir-rikorrenti talbu li jiġi dikjarat li nkiser id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tagħhom kif sanċitt fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Huma talbu li jiġi dikjarat ukoll li nkiser l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, kif iggarantit ukoll taħt it-Titolu 6 u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant talbu lil din il-Qorti tagħti kull rimedju opportun.

8. L-intimat Avukat Ġenerali eċċepixxa li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri għaliex huwa m'għandux is-setgħa jirrappreżenta lill-Gvern ta' Malta jew lill-entitajiet governattivi skont il-liġi, u li fi kwalunkwe każ huwa Prosekutur tal-Gvern u ma jinvolvix ruħhu fi kwistjonijiet dwar l-ippjanar. L-intimat Avukat Ġenerali eċċepixxa li r-rikorrenti naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli għalihom, u huma naqsu milli per eżempju jressqu appell quddiem il-Qorti tal-Appell jew jiftħu kawża fejn jitolbu stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv da parti tal-awtorità regolatorja. L-Avukat Ġenerali qal ukoll li r-rikorrenti kellhom iġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond, bħala prova tal-interess ġuridiku tagħhom f'dawn il-proċeduri, u ladarba r-rikorrenti qegħdin jitolbu r-revoka ta' permess tal-ippjanar maħruġ, huma kellhom jitolbu l-kjamata fil-kawża ta' Shaun Bartolo. L-intimat Avukat Ġenerali qal li r-rikorrenti kellhom iġibu prova wkoll li huma reġistrati bħala *objectors,* u qal li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa improponibbli fil-każ odjern, stante li ma kien hemm l-ebda teħid forzuż tal-proprjetà. Qal ukoll li lanqas il-ħarsien li joffri l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplika fil-każ odjern, u dan għaliex ir-rikorrenti ma ġewx ipprivati mill-possedimenti tagħhom sal-grad li jistgħu

jitqiesu li ġew imċaħħda mill-użu u t-tgawdija tal-proprjetà tagħhom. Qal ukoll li din il-Qorti m'għandha l-ebda kompetenza tisma' kwistjonijiet dwar allegat ksur ta' drittijiet li jaqgħu taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Finalment l-intimat Avukat Ġenerali qal li f'każ li din il-Qorti ssib li hemm il-ksur lamentat mir-rikorrenti, ir-revoka tal-permess għandha tammonta għal *just satisfaction,* u l-ebda kumpens jew ħlas ta' danni m'huwa dovut lir-rikorrenti.

9. Eċċezzjonijiet simili ġew sollevati ukoll mill-intimat Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, li qal li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda intempestiva stante li dawn naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli għalihom. It-Tribunal eċċepixxa wkoll li r-rikorrenti kellhom iġibu prova li huma sidien tal-fond, kif ukoll kellha tiġi mitluba il-kjamata fil-kawża ta' Shaun Bartolo. It-Tribunal eċċepixxa wkoll li r-rikorrenti kellhom iġibu prova li huma tassew *objectors* reġistrati, u qal li fi kwalunkwe każ dawn ma setgħux jinqdew bi proċeduri kostituzzjonali sabiex jilmentaw dwar nuqqas ta' parkeġġ u dwar terzi li jiffrekwentaw it-triq tagħhom biex iħallu l-vetturi tagħhom. It-Tribunal eċċepixxa wkoll li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjetà, u lanqas ma jista' jingħad li r-rikorrenti sofrew ksur ta' xi dritt tagħhom kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, għaliex huma ma ġewx deprivati mill-użu u t-tgawdija tal-proprjetà tagħhom. It-Tribunal qal ukoll li huwa mkien ma ta xi deċiżjoni dwar xi "jedd u obbligu ċivili", u għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw minn ksur tal-jeddijiet tagħhom taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Fi kwalunke każ, żied jgħid it-Tribunal, il-kompożizzjoni tat-Tribunal kienet waħda li tirrispetta dak li tgħid il-liġi, bi tliet membri, liema numru għandu jassigura li jkun hemm *checks and*

*balances* fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u li l-ebda persuna fuq it-Tribunal ma tiddeċiedi waħedha. Ġie eċċepit ukoll li ma jista' jkun hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ladarba d-deċiżjoni tat-Tribunal hija suġġetta għall-kontroll ta' organu ġudizzjarju ieħor.

10. Min-naħa tagħha l-intimata Awtorità tal-Ippjanar eċċepiet li hija mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri, u qalet li kien hemm nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji li kellhom ir-rikorrenti għad-dispożizzjoni tagħhom. L-Awtorità intimata eċċepiet ukoll li bl-imġiba tagħhom ir-rikorrenti akwijexxew għad-deċiżjoni li ngħatat, u li fi kwalunkwe każ huma jridu jġibu prova tat-titolu tagħhom fuq din il-proprjetà. L-intimata Awtorità tal-Ippjanar qalet li r-rikorrenti qegħdin jinqdew bi proċeduri kostituzzjonali sabiex jerġgħu jiftħu l-mertu mill-ġdid, u qalet li fi kwalunkwe każ għandu jirriżulta li l-ebda jedd fundamentali tar-rikorrenti ma ġie leż.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

11. Permezz ta' nota ppreżentata minnhom fl-20 ta' Settembru, 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw diversi dokumenti, fosthom (a) *affidavit* tar-rikorrenti[1]; (b) kopja tar-rapport tal-*case officer* tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn qed jirrakkomanda li l-applikazzjoni PA 4/16 tiġi rifjutata[2]; (ċ) kopja tal-oġġezzjoni sottomessa mir-rikorrenti Zammit għal PA 4/16[3]; (d) kopja tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' PA 4/16 mill-Kummissjoni tal-Ippjanar[4]; (e) ritratti li juru l-istabbiliment ta' *panel beater* u *mechanical garage*[5]; (f) kopja tar-rapport tal-*case officer* tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn qed jirrakkomanda li l-appell ta' Shaun

[1] *A fol.* 38 tal-proċess.
[2] *A fol.* 42 tal-proċess.
[3] *A fol.* 47 tal-proċess.
[4] *A fol.* 49 tal-proċess.
[5] *A fol.* 52 tal-proċess.

Bartolo bin-numru PAB 149/15 MS sabiex jiġi mħolli juża makkinarju, ma jiġix milqugħ[6]; (g) estratt mil-liġi sussidjarja 552.15 dwar il-klassi tal-użi fl-ippjanar[7]; (h) kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-appell PAB 153/17 minn PA 649/17[8]; (i) ritratti ta' klijenti jħallu ċ-ċwievet tal-karozza tagħhom fil-*letterbox* tal-garaxx tat-tiswija, oħrajn li juru trakkijiet u vannijiet jittrasportaw makkinarju għat-tiswija, ritratti ta' trakkijiet jieħdu *parts* u makkinarju minn fuq il-post, ritratti ta' *tyres,* ta' karozzi fi stat ħażin għat-tiswija, u ta' vetturi li kellhom jiġu irmunkati fuq il-post.[9]

12. Ir-rikorrenti, fl-*affidavit* tagħhom qalu li huma joqogħdu f'żona ta' Birkirkara mill-aktar kwieta. Spjegaw li fis-sena 2016 ġiet ippreżentata l-applikazzjoni PA 4/16 lill-Awtorità tal-Ippjanar minn ċertu Shaun Bartolo, impjegat governattiv, sabiex jinħariġlu permess tat-tip 5A u fil-*garage* tiegħu jkun jista' jsewwi vetturi ta' kull għamla. Ir-rikorrenti spjegaw li l-*case officers* tal-Awtorità tal-Ippjanar irrakkomandaw li din l-applikazzjoni tiġi rifjutata, kemm għaliex raw x'tip ta' tiswijiet kienu qegħdin isiru fuq il-post, kif ukoll għaliex dan imur kontra l-*policies* tal-Pjan Lokali CG 07, u kontra l-Pjan Strateġiku għall-Iżvilupp. Ir-rikorrenti qalu li huma oġġezzjonaw ukoll għal dan l-iżvilupp, u meta xehdu quddiem il-Kummissjoni tal-Ippjanar, kienu spjegaw li quddiem id-dar tagħhom kienu qegħdin jaslu *towing trucks* f'kull ħin tal-ġurnata u jitilquhom mal-bankina. Qalu li minkejja dawn l-oġġezzjonijiet, il-permess inħareġ xorta waħda, bir-riżultat li l-proprjetà tagħhom ġiet żvalutata, u dan għaliex it-triq tagħhom ġiet tixbaħ żona industrijali. Ir-rikorrenti spjegaw li ftit wara li nħariġlu dan il-permess, Bartolo ppreżenta appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, sabiex ikun jista' jinstalla

[6] *A fol.* 106 tal-proċess.
[7] *A fol.* 111 tal-proċess.
[8] *A fol.* 112 tal-proċess.
[9] *A fol.* 115 *et seq* tal-proċess.

*hydraulic jack* u apparat mekkaniku ieħor li jagħmel ħafna storbju, u qalu li anki din id-darba l-*case officers* irrakomandaw rifjut. Qalu li anki huma oġġezzjonaw għal dan bil-miktub, imma minkejja dan, l-apparat li kellu Bartolo fil-post tħalla hemm. Qalu li permess maħruġ taħt il-Kategorija E – Klassi 5A, suppost jinħareġ biss jekk ma ssirx ħsara lill-ambjent taż-żona minħabba ħsejjes, vibrazzjonijiet, irwejjaħ, fwar, dħaħen, nugrufun, irmied, trabijiet jew impatt viżiv u meta ma jinħoloqx traffiku ta' vetturi jew ipparkjar sproporzjonat li jkun ta' ħsara għaż-żona. Ir-rikorrenti qalu li wara li ħareġ il-permess, kien hemm persuna oħra fit-triq tagħhom li talbet permess sabiex fil-garaxx tagħha tkun tista' tagħmel tiswijiet elettroniċi, iżda dan il-permess ġie rifjutat. Qalu li kull ġurnata li dan il-permess jibqa' fis-seħħ, huma u r-residenza tagħhom qegħdin f'periklu minħabba l-possibilità li jieħu n-nar fil-garaxx ta' maġenbhom. Qalu ta' kuljum huma qegħdin iġarrbu ħsejjes, vibrazzjonijiet u dħaħen li jitilgħu mix-*shafts* ta' dan il-garaxx għall-proprjetà tagħhom, bi ħsara għal saħħithom. Qalu wkoll li l-klijentela ta' dan il-mekkanik tlaħħaq is-sitt vetturi kuljum, u dawn jokkupaw il-*parking bays* fiż-żona qabel ma r-residenti jaslu lura mix-xogħol. Qalu wkoll li meta l-mekkanik ma jkunx għadu wasal mix-xogħol, bosta klijenti jitfgħulu ċ-ċwievet tal-vetturi tagħhom fil-*letterbox* tiegħu. Ir-rikorrenti qalu wkoll li huma spiss jaraw rappreżentanti ta' ditti varji tal-karozzi jwasslu *parts* u affarijiet oħra fil-garaxx imsemmi, u din l-attività industrijali, f'post mibni mar-residenza tagħhom, qegħda twaqqa' l-valur tar-residenza tagħhom. Qalu li huma pensjonanti u f'każ li jkollhom bżonn ibiegħu l-proprjetà tagħhom, huwa stmat li se jagħmlu telf ta' madwar €150,000, skont l-istima ta' perit inkarigat minnhom. Ir-rikorrenti saħqu li huma għandu jkollhom id-dritt li jgawdu l-proprjetà tagħhom mingħajr tfixkil. Ir-rikorrenti qalu li kien għalhekk li huma kellhom jersqu għal rimedju kostituzzjonali, bit-tama li jingħataw rimedju xieraq, inkluż ir-revoka tal-permess tal-ippjanar in kwistjoni, u sabiex jiġu

mħarsa minn inġustizzja u tbatija kawża tal-ksur tad-drittijiet soċjali u ċivili tagħhom.

13. Waqt l-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2021, xehed **Kevin Portelli,** rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar[10], li qal li Martin Saliba ġie ingaġġat mal-Awtorità tal-Ippjanar bħala *trainee* b'effett mit-2 ta' Novembru, 1992, u wara beda jokkupa diversi karigi fl-Awtorità sakemm fis-sena 2019 ġie maħtur bħala *Chairperson* Eżekuttiv tagħha. Qal li f'Mejju tal-2013, Saliba kien jokkupa l-kariga ta' *Team Manager,* jiġifieri kien responsabbli minn *team* ta' nies li jevalwaw l-applikazzjonijiet għall-permessi fid-*Development Control Unit.* Ix-xhud qal li Saliba għamel xi żmien bl-*unpaid leave,* u meta rritorna lura mal-Awtorità wara dan il-perijodu, huwa reġa' beda jaħdem bħala *team manager.*

14. **Rosier Camenzuli**, Segretarju tat-Tribunal tal-Ambjent, Reviżjoni u l-Ippjanar, xehed waqt l-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2021[11], fejn qal li Martin Saliba ġie maħtur *Chairman* tal-EPRT b'effett mill-10 ta' Ġunju, 2013. Qal li fis-sena 2016 dan reġa' ġie appuntat, sakemm fid-29 ta' Novembru, 2019 Saliba irriżenja minn dan ir-rwol. Sussegwentement, l-istess xhud esebixxa kopja tal-ġurament li kien ħa Martin Saliba fis-sena 2016.[12] Esebixxa wkoll dokumenti mill-*file* tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar rigward il-permess li applika għalih Shaun Bartolo.[13]

15. Il-kontro-eżami ta' **Antonio Zammit** sar waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2022[14], fejn qal li meta saret l-ispezzjoni mill-*case officers* tal-Awtorità huwa kien preżenti. Qal li dawn kienu tal-fehma li Bartolo ma kellux jitħalla jaħdem

---

[10] *A fol.* 220 tal-proċess.
[11] *A fol.* 249 tal-proċess.
[12] *A fol.* 305A tal-proċess.
[13] *A fol.* 307 *et seq* tal-proċess.
[14] *A fol.* 433 tal-proċess.

ta' mekkanik fil-garaxx li kellu. Ir-rikorrent qal li kien sar appell mid-deċiżjoni dwar il-permess PA 4/16, u hu u martu kienu pparteċipaw f'dan il-proċess. Qal li l-permess 4/16 ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Mejju, 2016, u kien hemm terzi li appellaw minn din id-deċiżjoni, u hu ppartecipa f'dawn il-proċeduri tal-appell. Ir-rikorrent qal li wara d-deċiżjoni tal-EPRT huwa ma ressaqx appell quddiem il-Qorti tal-Appell għaliex huwa mhuwiex persuna legali, iżda ngħata parir jiftaħ proċeduri kostituzzjonali. Ir-rikorrent qal li huwa segwa l-andament tal-ispezzjoni li saret mill-uffiċjali tal-Awtorità minn fuq il-bankina, u qal li huwa ma jafx dawn x'kitbu jew x'ikkonstataw waqt l-ispezzjoni li għamlu.

15. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar, 2022, sar il-kontro-eżami ta' **Mary Josephine Zammit**[15], li b'riferiment għal dak li qalet fl-*affidavit* tagħha li l-*case officers* tal-Awtorità tal-Ippjanar irrakkomandaw ir-rifjut tal-applikazzjoni, hija qalet li meta hi u r-raġel tagħha dehru quddiem il-Bord tal-MEPA, kien hemm ritratti tal-makkinarju li kellu l-ġar tagħhom fil-garaxx tiegħu. Ir-rikorrenti qalet li hija baqgħet hemm sal-aħħar tas-seduta, iżda ma tafx x'deċiżjoni kienet ngħatat.

16. **Ian Galea**, *Senior Planning Officer* fl-Awtorità tal-Ippjanar, fl-*affidavit* tiegħu[16] qal li mhuwiex minnu li r-rakkomandazzjoni ta' rifjut mill-*case officers* tal-Awtorità b'riferiment għall-PA 4/16 saret għaliex l-uffiċjali tal-Awtorità raw inġenji mekkaniċi fuq il-post, iżda għaliex dawn ikkunsidraw li l-attività proposta li ssir fiż-żona kien ser ikollha impatt negattiv fuq il-madwar, u abbażi tal-prinċipji li jirriżultaw mill-*policy.* Qal li l-applikazzjoni ma kinitx waħda sanatorja, u ma kien hemm l-ebda ammissjoni mill-applikant li fuq is-sit kienet qegħda

[15] *A fol.* 451 tal-proċess.
[16] *A fol.* 500 tal-proċess.

titwettaq xi illegalità. Qal li mill-*file* tal-Awtorità jirriżulta li r-rikorrenti kienu oġġezzjonaw għall-applikazzjoni 4/16, u għalhekk dawn tqiesu bħala terzi interessati, u bħala tali kellhom id-dritt li jappellaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, bi dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Qal li r-rikorrenti kienu l-uniċi persuni li oġġezzjonaw għal din l-applikazzjoni. Qal li meta saret l-ispezzjoni fuq is-sit, l-uffiċjali tal-Awtorità nnutaw li fuq is-sit ma kienet qegħda ssir l-ebda attività kummerċjali, u li l-karozzi li kien hemm fuq il-post kienu tas-sidien tal-post, hekk kif ġie kkonstatat mil-*log books* tal-vetturi li nstabu. Qal li meta tressqet ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar fis-seduta pubblika tal-24 ta' Frar, 2016, l-applikant intalab jindirizza ċerti kwistjonijiet sabiex l-impatt tal-iżvilupp jiċkien u jkun *contained,* u fl-istess seduta ntalab ukoll li r-rapport tal-inġinier jagħti iktar dettalji dwar *Fire Safety, Ventilation and Noise Requirements.* Qal li fis-seduta pubblika tas-16 ta' Marzu, 2016, il-Kummissjoni tal-Ippjanar evalwat mill-ġdid is-sottomissjonijiet magħmula mill-applikant, u talbet sabiex jiġi sottomess *Engineer's Report* mill-ġdid, sabiex kull riferiment għal "*mechanical repairs"* jitneħħa mir-rapport u jiġi assigurat li s-sit jintuża biss għal *diagnostic service and electronic repairs,* u mhux għall-użu mekkaniku. Ix-xhud qal li dak li ntalab kien sabiex l-użu propost ikun aktar kompatibbli maż-żona residenzjali li jinsab fiha dan il-garaxx, fejn huwa permissibbli użu taħt il-Klassi 5A li ma jiġġenerax storbju eċċessiv. Qal li dan ġie rifless fil-Kundizzjoni 2A tal-permess. Ix-xhud qal li l-iżvilupp propost huwa wieħed meqjus żgħir, u għalhekk ma kienx ser iwassal għal żieda fl-għadd ta' impjegati, jew għal żieda fit-traffiku, u l-*workshop* propost kien ser iwassal biex fil-post jiġu pparkjati vettura waħda jew tnejn. Qal li aktar minn hekk, it-tip ta' żvilupp propost ma kienx wieħed li jmur kontra l-iżvilupp tal-*area* għaliex l-iżvilupp kien ser ikun wieħed limitat f'termini ta' ħsejjes, vibrazzjonijiet, irwejjaħ, fwar, dħaħen, nugrufun, irmied, trabijiet,

ramel jew impatt viżiv. Qal li wara s-seduta tas-16 ta' Marzu, 2016, ġie ppreżentat ir-rapport tal-inġinier, fejn ġie rilevat x'tip ta' xogħol jista' jsir fil-post, u qal li x-xogħlijiet elenkati ma jinvolvux l-użu ta' *heavy tools,* jew għodda li tiġġenera storbju. Qal li l-għodda li jagħmel riferiment għaliha l-inġinier lanqas ma tiġġenera kimiki, u fil-fatt id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar ġiet ibbażata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet. Ix-xhud qal li mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, ir-rikorrenti ma kinux intavolaw appell kif kellhom dritt li jagħmlu, u kien biss l-applikant li ressaq appell minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jiġu varjati l-kundizzjonijiet tal-permess. Qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal fl-ismijiet **Shaun Bartolo *vs.* l-Awtorità tal-Ippjanar** mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2017, ma ġietx appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Qal li lanqas id-deċiżjoni tat-Tribunal tat-2 ta' Ottubru, 2018 fl-ismijiet **Michael Mallia *vs.* l-Awtorità tal-Ippjanar** ma ġiet appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Qal li l-appell quddiem it-Tribunal sar mill-applikant limitatament fuq il-kundizzjonijiet tal-permess marbuta mal-*hydraulic jack* u l-perijodu ta' validità tal-istess permess. Qal li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu qies kif it-tqegħid ta' *hydraulic jack* u kull apparat ieħor mhux inkluż fil-pjanta approvata, ma jistax jitqies li kien żvilupp li għalih kien meħtieġ permess ta' żvilupp. Ix-xhud qal li t-Tribunal iddeċieda li l-ġestjoni tal-użu approvat kienet marbuta mal-kundizzjoni 2D tal-istess permess, fejn l-użu tal-għodda msemmija fir-rapport tal-inġinier biss kienu permissibbli mill-permess approvat. Qal ukoll li għalhekk ir-rikorrenti m'għandhomx raġun meta fl-*affidavit* tagħhom jgħidu li t-Tribunal lill-applikant ħallielu l-apparat kollu fil-post. Ix-xhud qal ukoll li għandu jirriżulta li mhux minnu li dan il-garaxx għandu *shaft* u l-gallerija tal-proprjetà tar-rikorrenti ma tagħtix fuq il-bieb tal-garaxx in kwistjoni. Qal ukoll li fir-rapport tal-inġinier tniżżlu r-rakkomandazzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex jiġi evitat li jkun

hemm xi nar fuq il-post. Żied jgħid li anki wara li ħareġ il-permess PA 4/16, l-Inġinier li ħejja r-rapport, iċċertifika li l-miżuri ġew implimentati fil-garaxx in kwistjoni wara spezzjoni li saret. Ix-xhud qal li r-rikorrenti mhumiex korretti meta jgħidu li huma xtraw dar f'żona residenzjali, u li bil-permess approvat iż-żona saret waħda industrijali, u dan għaliex il-Pjan Lokali li jirregola l-iżvilupp fl-inħawi, jippermetti *light industry* f'*workshops* limitati fl-użu.

17. Waqt l-udjenza tal-14 ta' Settembru, 2022, reġa' xehed **Kevin Portelli,** li llum jokkupa l-kariga ta' Direttur *Corporate Services* fl-Awtorità tal-Ippjanar[17], li qal li fil-perijodu li fih Martin Saliba kien bl-*unpaid leave,* bejn Ġunju tal-2013 u l-1 ta' Diċembru, 2019, dan qatt ma rrapporta għax-xogħol, u fil-fatt qatt ma ħa paga mill-Awtorità.

18. **Marvic Vella**, Segretarja tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, fl-*affidavit* tagħha[18] qalet li l-Membri tat-Tribunal flimkien maċ-Chairperson jitħallsu unikament mill-kontijiet bankarji tat-Tribunal, liema kontijiet huma għal kollox separati mill-kontijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar. Kompliet tgħid li l-amministrazzjoni u r-Reġistru tat-Tribunal huma għal kollox indipendenti, u ma hemm l-ebda relazzjoni bejn l-Awtorità u l-istess Tribunal.

19. L-Awtorità tal-Ippjanar ippreżentat għadd ta' dokumenti relatati mal-permess li applika għalih Shaun Bartolo, b'għadd ta' ritratti li juru aħjar is-sit mertu ta' dawn il-proċeduri, u r-rapporti li saru għall-konsiderazzjoni tal-awtoritajiet.[19]

[17] *A fol.* 557 tal-proċess.
[18] *A fol.* 560 tal-proċess.
[19] *A fol.* 506 *et seq.* tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

20. Il-Qorti sejra qabel xejn tistħarreġ l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat Avukat Ġenerali dwar jekk għandux jitqies li huwa leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Wara l-emendi li ġew ippromulgati bl-Att XXV tal-2019, l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> "(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni;
>
> …
>
> (2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

21. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, li l-Avukat tal-Istat jitqies li huwa leġittimu kontradittur f'kawżi fejn jiġu mpunati liġijiet, jew fejn huwa jirrappreżenta lill-Gvern f'atti jew f'azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi dipartiment partikolari tal-Gvern. Il-lanjanzi tar-rikorrenti huma dwar it-tħaddim tal-*policies* u r-regolamenti tal-ippjanar, li skont r-rikorrenti ġew imħaddma b'mod li lilhom illedewlhom l-aspettattivi leġittimi tagħhom, u kisrulhom il-jedd tat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kif protetta bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll dwar il-kompożizzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, li skont ir-rikorrenti wasslet biex jiġi leż il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq. Evidentement l-istituzzjonijiet pubbliċi li għandhom jwieġbu għal dawn il-lanjanzi tar-rikorrenti, huma l-awtorità regolatorja, jiġifieri l-Awtorità tal-Ippjanar, u t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, u mhux l-Avukat Ġenerali li llum għandu r-rwol ta' Prosekutur tal-Istat. Lanqas m'hu leġittimu konradittur l-Avukat tal-Istat, billi ma teżisti l-ebda diffikultà fir-rigward ta' lil

min kellha tiġi diretta l-azzjoni ġudizzjarja tar-rikorrenti. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara li l-Avukat Ġenerali mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

22. F'dawn il-proċeduri ġiet issollevata wkoll l-eċċezzjoni preliminari dwar l-intempestività tal-azzjoni tar-rikorrenti, li skont l-intimati, naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Fil-fatt jirriżulta mill-atti li wara li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet il-permess bin-numru PA 4/16, kien biss l-applikant Shaun Bartolo li ressaq appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar rigward il-kundizzjonijiet marbuta mal-imsemmi permess, u talab għal xi modifiki. Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda appell minn dik id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, minkejja li kienu oġġezzjonaw għall-iżvilupp propost minn Bartolo. Ir-rikorrenti jgħidu li huma saru jafu b'dik id-deċiżjoni minn terzi, għaliex ma ġewx notifikati biha. Jirriżulta iżda li r-rikorrenti intervjenew fl-appell li ressaq Bartolo quddiem it-Tribunal, u hawnhekk ukoll għamlu l-oġġezzjonijiet tagħhom. Wara li t-Tribunal laqa' l-appell ta' Bartolo, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda appell min-naħa tagħhom, kif kellhom kull dritt li jagħmlu. Minkejja n-nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni mogħtija kemm mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, ir-rikorrenti ma appellawx, u fl-ebda waqt ma talbu għal xi forma ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet amministrattivi li ttieħdu. Dan minkejja li r-rikorrenti jgħidu li l-permess maħruġ irrenda ż-żona li huma jgħixu fiha f'waħda industrijali minn żona residenzjali trankwilla, minkejja li allegaw li kien hemm diskriminazzjoni ma' terz li applika għal permess simili li ġie rifjutat, u minkejja li allegaw li l-kwalità ta' ħajja tagħhom ġiet mittiefsa negattivament bl-attività tal-ġar tagħhom mill-proprjetà tiegħu. Kien wara li għadda t-terminu li fih seta' jitressaq l-appell, li r-rikorrenti fetħu dawn il-proċeduri sabiex

jilmentaw minn ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

23. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Mifsud Bonnici et vs Tabone noe et**[20], dwar l-eżawriment tar-rimedju ordinarju qabel ma individwu jirrikorri għar-rimedju straordinarju ħalma huma proċeduri kostituzzjonali bħal dawn:

> *"Din il-Qorti tifhem li rikors għal soluzzjoni kostituzzjonali għandu jkun "a measure of last resort" għax hu preżunt li ċ-ċittadin jista' u għandu jsib il-protezzjoni tad-drittijiet tiegħu fil-liġijiet tal-pajjiż. Id-drittijiet taċ-ċittadin huma mogħtija lilu jew mil-liġi naturali (li tagħti lil kull bniedem ċerti drittijiet fundamentali u inaljenabbli) jew mil-liġi tal-pajjiż stess. F'soċjetà ideali, l-għoti ta' drittijiet huwa biżżejjed biex il-bniedem igawdi mill-istess drittijiet, u dan peress li jkun mistenni li kull membru ta' dik is-soċjetà jirrispetta d-drittijiet tal-ieħor, u jagħti lil ħaddieħor dak li hu tiegħu. Peress li din is-soċjetà idealistika, jekk kienet teżisti, ma tantx damet hekk teżisti, l-istess membri tas-soċjetà ħolqu awtorità li lilha ngħata l-poter li tara li d-drittijiet ta' kull membru ta' dik is-soċjetà jiġu onorati. Maż-żmien, dik l-awtorità żviluppat fi Gvern, b'poter mhux biss biex jagħti drittijiet liċ-ċittadini, iżda anke biex joħloq mezzi biex dawk id-drittijiet jiġu protetti u enforzati. Lill-gvern, ukoll, ġew mogħtija poteri oħra, li, aktar ma għadda ż-żmien aktar saru ampji, komplessi u "far reaching". Hawn ukoll, f'soċjetà ideali, il-Gvern juża dawn il-poteri tiegħu "fairly and equally", u fl-interess taċ-ċittadin u tas-soċjetà nnifisha. Peress li kull Gvern jaf li hu ma joperax fi stat ideali, meta l-Gvern ħa fuqu dawn il-poteri ħaseb ukoll għall-possibilità ta' abbuż u, fil-fatt, il-liġi ordinarja tipprovdi għall-kontroll tal-Amministrazzjoni b'rimedji appożiti.*
>
> *Il-liġi ordinarja, għalhekk, kemm meta tagħti drittijiet u poteri liċ-ċittadini, kemm meta tagħti l-istess lill-Amministrazzjoni, tipprovdi, fiha nnifisha, soluzzjonijiet kemm biex dawk id-drittijiet ikunu jistgħu jiġu gawduti, kif ukoll biex jiġu temperati f'każ l dak li jkun jeċċedi l-limiti tad-dritt jew poter tiegħu. L-Ordinament Ġuridiku, fi kliem ieħor, għandu jitqies, hu preżunt u għandu jingħata l-opportunità li jsolvi hu stess il-problemi li jinqalgħu bl-eżerċizzju tad-drittijiet u l-poteri li hu stess jikkonferixxi, u hu biss meta dan l-Ordinament Ġuridiku jirriżulta li hu monk f'dawn is-soluzzjonijiet, li ċ-ċittadin ikun jista' jirrikorri għar-rimedju straordinarju taħt il-Kostituzzjoni tal-pajjiż. Rimedju taħt il-Kostituzzjoni hu, biex ngħidu hekk, ta' imbarazz għall-Gvern, għax ikun ifisser li jew abbuża bil-poteri tiegħu jew naqas li jipprovdi liċ-ċittadin b'rimedju għad-*

[20] 24.09.2002.

*dritt tiegħu, lilu konċessi jew bil-liġi naturali jew bil-liġi tal-istat stess. Għalhekk, il-Kostituzzjoni stess tipprovdi illi, qabel ma dak li jkun iressaq ilment taħt il-Kostituzzjoni, irid l-ewwel "to exhaust all ordinary remedies" għax qabel ma jallega nuqqas da parti tal-Awtorità Governattiva, irid l-ewwel, jipprova jieħu r-rimedju tiegħu taħt il-liġi ordinarja li pprovdielu l-istess Gvern. Hu biss jekk jirriżulta li l-Gvern ma pprovdiex rimedju adegwat, li ċ-ċittadin jista' jakkuża lill-Awtorità b'nuqqas b'kawża kostituzzjonali. M'għandux jiġi preżunt li l-Gvern naqas li jipprovdi liċ-ċittadin b'rimedju għal-lanjanzi tiegħu; anzi Ordinament Ġuridiku sħiħ u komplut għandu jkun preżunt li jikkontjeni, fih innifsu, id-drittijiet u rimedji opportuni li jeħtieġ il-pubbliku soġġett għal dak l-Ordinament. Jekk ir-rimedju li jipprovdi l-Ordinament ma jkunx effettiv, allura imbagħad, iċ-ċittadin jista' jakkuża lill-Gvern li naqas li jipprovdilu rimedju adegwat.*

*"Fuq din il-kwistjoni, l-awturi* ***Jacobs and White,*** *fil-ktieb "The European Convention on Human Rights" (Clarendon Press, 1996 Ed.) jgħidu, f'paġna 354:*

*"The Commission, citing the Interhandel Case before the International Court of Justice, has stated that the rule requiring the exhaustion of domestic remedies as a condition of the presentation of an international claim is founded upon the principle that the respondent State must first have an opportunity to redress by its own means within the framework of its own domestic legal system the wrong alleged to have been done to the individual."*

*"Fil-kuntest ta' tilwima lokali, il-Gvern għandu jkollu opportunità juri li għall-ilmenti partikolari ġià pprovda rimedji, u darba dawn jeżistu (tant li f'din il-kawża qed jiġu invokati mill-atturi stess) huwa fil-kuntest ta' dawn ir-rimedji li l-ilmenti għandhom, fl-ewwel lok jiġu mistħarrġa. Min jirrikorri għal rimedju kostituzzjonali, irid juri li m'għandux rimedji ordinarji jew li dawn mhux effettivi; f'dan il-każ l-atturi dan ma wrewhx għax, fl-ewwel lok, huma stess invokaw rimedji ordinarji u għax, fit-tieni lok, għadu ma ġiex deċiż jekk ir-rimedji ordinarji jagħtux rimedju effettiv lill-atturi. Kwindi, f'dan l-istadju, l-istħarriġ Kostituzzjonali li talbu l-atturi ma jistax jinbeda."*

24. Il-Qorti hija tal-fehma li safejn l-ilment tar-rikorrenti jolqot l-applikazzjoni tal-*policies* imħaddma mill-Awtorità tal-Ippjanar, u d-deċiżjoni li ngħatat sabiex jinħareġ il-permess, li huma jikkontendu li qiegħed jilledi d-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom, ir-rikorrenti naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli għalihom. Jirriżulta li minkejja l-preġudizzju kollu li r-rikorrenti jgħidu li sofrew jew li sejrin isofru, huma qatt ma inkarigaw avukat ta' fiduċja tagħhom sabiex jirrappreżenta l-interessi tagħhom,

u dejjem kienu huma li għamlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom, bir-riżultat li naqsu milli jappellaw jew milli jieħdu azzjonijiet legali li setgħu jieħdu f'waqqithom u li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, filwaqt li issa qegħdin jinqdew bir-rimedju kostituzzjonali, meqjus li huwa wieħed straordinarju, sabiex din il-Qorti tirrevoka l-permess maħruġ. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati li ir-rikorrenti naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli għalihom, u għalhekk issa ma jistgħux jinqdew bir-rimedju kostituzzjonali biex jilmentaw li d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar kisritilhom id-dritt tal-użu u t-tgawdija tal-proprjetà tagħhom.

25. Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw ukoll dwar il-mod kif tmexxew il-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Ir-rikorrenti jgħidu li l-preżenza ta' Martin Saliba bħala *Chairperson* tat-Tribunal lilhom kisritilhom id-dritt fundamentali tagħhom li jingħataw smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali, u dan stante li Martin Saliba kien fil-passat, impjegat tal-Awtorità tal-Ippjanar, li ħareġ b'*unpaid leave,* u meta temm l-inkarigu li kellu fit-Tribunal, irritorna lura fl-impjieg mal-Awtorità tal-Ippjanar. Ir-rikorrenti jsostnu li dan lilhom illedielhom il-jedd fundamentali tagħhom li jingħataw smigħ xieraq, u dan għaliex Saliba naqas milli jirrikuża ruħhu jew li jinforma lill-partijiet li huwa kien qiegħed bl-*unpaid leave* mill-Awtorità tal-Ippjanar.

26. Il-Qorti tqis li l-proċeduri quddiem it-Tribunal inbdew mill-applikant Shaun Bartolo, li kien qiegħed jappella mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ir-rikorrenti ma kinux parti minn dawk il-proċeduri, għajr għall-fatt li rreġistraw l-oġġezzjoni tagħhom għat-talbiet ta' Bartolo. It-Tribunal, presedut minn Martin Saliba, iddeċieda li l-appell ta' Bartolo għandu jiġi

milqugħ, u għalhekk iddeċieda li d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar għandha tiġi varjata, ossija jirriżulta li t-Tribunal mar kontra d-deċiżjoni restrittiva mogħtija mill-Awtorità tal-Ippjanar meta din ħarġet il-permess l-ewwel darba. Dan ifisser li minkejja li Saliba kellu, fil-passat, impjieg mal-Awtorità tal-Ippjanar u żamm il-jedd li jkun jista' jirritorna fl-impjieg ta' din l-Awtorità, kif kellu kull dritt li jagħmel skont il-ftehim kollettiv esebit, dan fil-fatt kien parti minn Bord li ħa deċiżjoni li tmur kontra d-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità u favur l-applikant. Saliba ma ħax id-deċiżjoni waħdu, u l-liġi li tirregola din il-materja tipprovdi li t-Tribunal għandu jkun kompost minn tliet membri, sabiex jiġi assigurat li deċiżjonijiet ma jitteħdux minn bniedem waħdu, u għalhekk ma jistax jingħad li l-klawsola li tippermetti li uffiċjal pubbliku jirritorna lura fl-impjieg li kellu qabel ma ngħata inkarigu ma' istituzzjoni jew awtorità oħra fis-servizz pubbliku, hija leżiva tal-jedd għal smigħ xieraq. Martin Saliba ma kien qiegħed jipperċepixxi l-ebda introjtu mill-Awtorità tal-Ippjanar, ma żamm l-ebda uffiċċju f'din l-awtorità, u li kif spiss jiġri meta uffiċjal pubbliku jkun ser jassumi kariga għal żmien definit, dan talab li jingħata d-dritt li jkun jista' jirritorna lura fl-impjieg li kellu mal-Awtorità tal-Ippjanar wara li jtemm il-kariga u r-rwol li assuma mat-Tribunal. Dan, fil-fehma tal-Qorti, ma jammontax għal leżjoni tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, u għalhekk anki din it-talba tagħhom qegħda tiġi miċħuda.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li huwa mhux leġittimu kontradittur, u li għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;**

2) **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tat-Tribunal dwar l-intempestività tal-azzjoni tar-rikorrenti, tilqa' s-seba', it-tmien, id-disa', l-għaxar, il-ħdax, it-tnax u t-tlettax-il eċċezzjoni tal-istess Tribunal;**
3) **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, tilqa' t-tieni, it-tielet, is-seba' it-tmien, id-disa', l-għaxar, il-ħdax u t-tnax-il eċċezzjoni tal-intimata Awtorità tal-Ippjanar;**
4) **Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**